L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

MALTA

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna LCD 13/1994/XV
DLG 28/2011

6 ta' Jannar 2012

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Ezekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 4/2012

## LINJI GWIDA GĦAL ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV FIL-KUNSILLI LOKALI

Waħda mill-bidliet radikali fis-sistema tal-Gvern Lokali f'pajjiżna wara l-emendi li saru fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) kienet fir-rigward tal-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali. Dan billi jrid ikun uffiċjal pubbliku u jinħatar skont it-termini tal-istess Att kif ukoll tal-*Public Service Management Code.*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħass illi, wara li kien ta struzzjonijiet dwar il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' *Memos* 53/2011 u 54/2011 tat-8 ta' Ġunju 2011, għandu jfassal linji gwida sabiex jiffaċilita iktar il-proċess tal-għażla kif ukoll ikun hemm iktar kontabilità u trasparenza mill-Bord tal-Għażla. Dan il-proċess twettaq f'dawn l-aħħar xhur u d-Dipartiment jirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu, b'mod partikolari lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kif ukoll lill-*Public Administration Human Resources Office* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Ma' dan il-*Memorandum* qiegħed jiġi mehmuż dokument imsejjaħ "Linji Gwida għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali" li miegħu jridu jimxu strettament il-Kunsilli Lokali kollha fl-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-proċess magħżul hu wieħed simili għal ħatra ta' Uffiċjali Pubbliċi oħra fis-Servizz Pubbliku. Billi waħda mill-bidliet prinċipali hi li s-sejħa ssir permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-*website* tad-Dipartiment, dawk kollha li huma eliġibbli għal din il-kariga ser jiġu notifikati biex jieħdu l-inizjattiva li jirreġistraw l-interess tagħhom billi japplikaw fuq il-formola tal-applikazzjoni relatata kull meta jkun hemm xi vakanza.

Dawn il-Linji Gwida se jkunu jiffurmaw parti mir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) li ġew imfassla mill-ġdid mid-Dipartiment u li bħalissa għaddej il-proċess ta' konsultazzjoni dwarhom.

Permezz ta' din il-*Memorandum*, l-istruzzjonijiet mogħtija permezz ta' *Memos* 53/2011 u 54/2011 qed jiġu revokati.



Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Mehmuż: Linji Gwida.

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Direttur Ġenerali, *Public Administration Human Resources Office*
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Viċi President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali Malta